MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 7/2023 LM

**Aaron Gatt (K.I. nru. 385778M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Edwin Vella (K.I. nru. 139467M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Edwin Vella (K.I. nru. 139467M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fl-20 ta' Ġunju, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], fejn iddeċieda t-talbiet tar-rikorrent **Aaron Gatt (K.I. nru. 385778M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] fil-konfront tal-intimat, kif ġej:

*"Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat, jiċħad il-kontro-talba u jgħaddi sabiex jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom u jikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' Euro 1,800 bl-ispejjeż kontra l-intimat fi żmien ġimgħa mil-lum."*

## **Fatti**

2. Fit-talba tiegħu r-rikorrent spjega li huwa kien xtara appartament fi Triq Orazio Diacono, iż-Żejtun [minn issa 'l-fond'], fejn kellu jsir xogħol ta' *plumbing* u elettriku mill-kumpannija ElectroPlus, li s-sid tagħha huwa l-intimat. Qal li dan ix-xogħol kellu jsir fiż-żmien miftiehem bejn il-partijiet, jiġifieri sal-aħħar ta' Ottubru, 2017, iżda x-xogħol ħa aktar żmien milli maħsub, u barra minn hekk l-intimat beda juri nuqqas ta' professjonalità fix-xogħol tiegħu. Ir-rikorrent qal li minħabba f'hekk huwa ddeċieda li jżomm il-ħlas tat-tielet pagament, iżda l-intimat beda jinsisti li biex ikompli l-fażi tax-xogħol li jmiss, ried li jitħallas. Qal li lejn nofs Jannar huwa sar jaf li l-intimat kien ma jiflaħx, u għalhekk huwa kien talbu jibgħat lavrant ikompli x-xogħol sabiex ix-xogħol ma jaqax lura. Qal li minkejja dan, l-intimat irrifjuta li jlesti x-xogħol, u l-unika ħaġa li kien qallu kienet li kellu jsib kuntrattur ieħor. Ir-rikorrent qal li meta sar jaf b'dan, huwa mar għand ir-Regolatur tal-Enerġija u tas-Servizzi tal-Ilma (R.E.W.S.), u wara li saret investigazzjoni, ġie stabbilit li l-intimat kien abbuża rigward applikazzjoni mal-Enemalta, u li kien hemm ksur tal-liġi għaliex il-konvenut ma waħħalx *power voltage protector,* u ħalla x-xogħol mitluq b'xi *points* tad-dawl mikxufin. Qal li lanqas *wiring diagram* ma sar, u testijiet mill-intimat fuq l-istallazzjoni li laħaq għamel, ma sarux. Ir-rikorrent qal li meta ġie kkonfrontat mir-R.E.W.S., l-intimat qal li x-xogħol ma sarx għaliex huwa ma kienx tħallas. Dan minkejja li r-rikorrent kien ħallsu disgħin fil-mija (90%) ta' dak dovut, meta l-konvenut

għamel biss sittin fil-mija (60%) tax-xogħol. Ir-rikorrent qal li wara din l-investigazzjoni tar-REWS, l-intimat ingħata twissija bil-miktub li jekk ikun hemm ilment ieħor simili, titteħidlu l-liċenzja. Ir-rikorrent qal li min-naħa tiegħu huwa qabbad kuntrattur ieħor, u ħallas madwar €2,200 oħra fuq xogħol li kien għad fadal isir, u biex jiġu rranġati żbalji li kien hemm fil-*wiring diagram.* Ir-rikorrent qal li huwa resaq quddiem it-Tribunal sabiex jitlob ħlas għax-xogħol li ma sarx mill-intimat.

3. Fir-risposta tiegħu, l-intimat qal li f'Diċembru tal-2017 huwa kien marid serjament, għaliex qabditu *bacterial meningitis,* u wara li għamel perijodu rikoverat, huwa irritorna għax-xogħol fis-7 ta' Ġunju, 2018. Qal li mhuwiex minnu li bejn il-partijiet kien hemm ftehim dwar id-data meta kellu jitlesta x-xogħol. Qal li r-rikorrent mhux talli ma fehemx is-sitwazzjoni li kien fiha, talli kien abbużiv verbalment miegħu fuq it-*telephone*. Qal ukoll li mhux minnu li huwa kien għamel biss sittin fil-mija (60%) tal-intallazzjoni meħtieġa fil-fond tar-rikorrent, u lanqas m'huwa minnu li Ian Debattista, il-kollega tiegħu, naqas milli jmur fil-fond tar-rikorrent f'dan il-perijodu meta huwa kien rikoverat. Qal ukoll li lanqas m'huwa minnu li huwa naqas milli jikkopera mar-Regolatur tal-Enerġija u tas-Servizzi tal-Ilma. Qal li huwa kien qabel li jagħmel ix-xogħol meħtieġ fl-appartament tar-rikorrent wara li ġie ffirmat *bill of quantities,* sar ftehim fuq id-disinn u l-kwalità tax-xogħol, u kien hemm ftehim ukoll fuq il-metodu tal-ħlas. Qal li mhux minnu li bejn il-partijiet kien hemm xi ftehim dwar id-data sa meta kellu jitlesta x-xogħol, u x-xogħol kellu jsir f'fażijiet, imma kien ir-rikorrent li kellu jieħu ħsieb jikkoordina x-xogħol, ħalli ma jwaqqafx kuntrattur partikolari milli jlesti l-parti tiegħu. Qal li meta ġew fl-istadju tat-tlestija, kien hemm aktar minn disgħin fil-mija (90%) tax-xogħol lest u komplut, iżda kien hemm ammont

ta’ xogħol li tħalla pendenti, fosthom l-għamara tal-kċina kienet għadha mhux installata u s-sink u tagħmir ieħor ma setgħux jiġu konnessi; is-*switches* li kellu jipprovdi r-rikorrent baqgħu ma ġewx ipprovduti minnu; ir-rikorrent bidel fehmtu dwar is-*switch model* u l-metodu ta’ kif kellu jinxtegħel id-dawl; ir-rikorrent beda jżid xogħol li ma kienx inkluż fil-ftehim oriġinali; il-*basement garage* kien mgħarraq bl-ilma tax-xita, u għalhekk ix-xogħlijiet elettriċi ma setgħux jiġu konnessi mas-sistema tal-Enemalta; il-*washroom* kienet għadha mhijiex mibnija u x-xogħol elettriku ma setax jitlesta; is-suffitt ma kienx lest u l-*fittings* tad-dawl ma setgħux jinqalgħu; il-*cladding* tal-injam fil-kamra tal-banju kien għadu mhux lest, u s-sink tal-ilma u istallazzjonijiet oħra ma setgħux jitwaħħlu; u finalment ir-rikorrent talbu jirritorna lura ċ-ċwievet tal-fond u rrifjuta li jħallih jidħol fil-fond sabiex ikompli x-xogħol. Qal ukoll li huwa baqa’ dispost li jispjega lir-REWS ir-raġuni għalfejn l-*over-voltage protector* kienet għadha mhix imwaħħla, u li huwa kien ta l-assigurazzjoni tiegħu li din il-kwistjoni kien ser jieħu ħsiebha hu. Qal li huwa għad għandu jitħallas l-ammont ta’ €540.30 mingħand ir-rikorrent, u għalhekk din l-eċċezzjoni ħadet ix-xejra ta’ kontro-talba mill-intimat.

4. Ir-rikorrent wieġeb għal din il-kontro-talba tal-intimat, billi qal li din hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u żied jgħid li huwa ħallas lill-intimat ferm aktar minn dak dovut li kien lilu għax-xogħol kollu li ġie esegwit minnu, apparti li x-xogħol li sar ma kienx skont is-sengħa u l-arti. Qal li mingħajr preġudizzju għal dan, mhux minnu li huwa qabad u ttermina l-ftehim, imma huwa kien kostrett jittermina l-ftehim li kellu mal-intimat għal raġunijiet validi fil-liġi in kwantu kien l-intimat li naqas milli jesegwixxi x-xogħol fil-ħin lilu mogħti, beda jesegwixxi x-xogħol b’dewmien esaġerat, u parti mix-xogħol li għamel kien ħażin u mhux

skont is-sengħa u l-arti. Qal li apparti dan kollu, l-intimat beda jirrifjuta li jirranġa x-xogħol ħażin li għamel huwa stess. Ir-rikorrent żied jgħid li huwa kien kostrett jidħol fi spejjeż addizzjonali u ħlas ta' danni sofferti minnu konsegwenza tax-xogħol ħażin li sar, kif ukoll minħabba d-dewmien esaġerat min-naħa tal-intimat.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija appellata, it-Tribunal iddeċieda illi l-eċċezzjonijiet tal-intimat għandhom jiġu miċħuda, ċaħad ukoll il-kontro-talba tal-intimat, u għadda sabiex jilqa' t-talbiet tar-rikorrent fl-intier tagħhom, u ordna lill-intimat iħallas tas-somma ta' €1,800 fi żmien ġimgħa, bl-ispejjeż kontra l-intimat, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidra*

*Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti inkariga lill-intimat sabiex iwettaq xogħlijiet fil-proprjetà tiegħu ġewwa ż-Żejtun fejn ħallas il-prezz globali ta' Euro 5,251.79 permezz ta' tliet ċekkijiet.*

*Illi mhuwiex kontestat li x-xogħol kellu jitlesta sa Ottubru tas-sena 2017 u mhux kontestat ukoll li x-xogħol ma tlestiex.*

*Illi ssir referenza għall-artikoli 1640 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn insibu:*

1640. (1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.

(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qligħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.

(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur

tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.

(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta.

(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti.

*Illi mhuwiex kontestat li r-rikorrenti informa lill-appaltatur bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt u dan kif jikkonferma l-appaltatur stess meta jgħid li kien mitlub jirritorna ċ-ċwievet.*

*Ikkunsidra*

*Illi għalhekk irid jiġi determinat jekk ir-rikorrent ħallx il-kuntratt għal raġuni valida. Illi mill-provi jirriżulta li x-xogħol ma tlestiex fiż-żmien stipulat, din waħedha hi raġuni valida biex il-kuntratt jinħall diment li l-appaltatur ma jġibx prova kuntrarja sabiex juri li l-kawża tad-dewmien kienet dovuta għal forza maġġuri jew għal xi raġuni lil hinn mill-kontroll tiegħu. Illi l-appaltatur b'difiża qal li huwa rikoverat l-isptar u b'hekk ma setax jesegwixxi x-xogħol. Iżda mid-dokumentazzjoni ppreżentata minnu stess jirriżulta li effettivament huwa daħal l-isptar f'Jannar 2018 u għalhekk ferm wara l-perijodu miftiehem li fih kellu jitlesta x-xogħol. Għalhekk, din ir-raġuni ma tgħinux lill-konvenut fid-difiża tiegħu.*

*Illi t-Tribunal ser jgħaddi sabiex iqis jekk ix-xogħol sarx skont is-sengħa u l-arti da parti tal-konvenut. Illi t-Tribunal jagħmel referenza għall-provi prodotti mir-rikorrenti li ma ġewx kontradetti mill-intimat fosthom mart ir-rikorrenti Thelma Gatt, Steve Grixti, u ċioe l-*electrician *imqabbad mir-rikorrenti, l-Inġinier Marjohn Abela mir-REWS u l-Inġinier Peter Mifsud, John Tonna bħala Inġinier tal-Enemalta fost l-oħrajn. Illi fis-sustanza, ilkoll isaħħu t-teżi tar-rikorrenti li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti.*

*Illi jonqos li jiġi determinat kemm għandu jitħallas l-appaltatur għax-xogħol li laħaq għamel. Illi huwa ngħata madwar 90% tal-kont bil-quddiem. Illi s-subartikolu (4) tal-artikolu 1640 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta.*

*Għalhekk jirriżulta li l-appaltatur diġà tħallas tax-xogħol li laħaq għamel anzi tħallas iżjed, u għalhekk għandu jirrifondi lura s-somma mħallsa bil-quddiem għax-xogħol li ma laħaqx għamel ammontanti għal Euro 1,800.*

*Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat, jiċħad il-kontro-talba u jgħaddi sabiex jaqta' t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom u jikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' Euro 1,800 bl-ispejjeż kontra l-intimat fi żmien ġimgħa mil-lum."*

**<u>L-Appell</u>**

6. Fir-rikors tal-appell imressaq fl-10 ta' Lulju, 2023, l-intimat hawnhekk l-appellant, talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u minflok tiċħad it-talba tar-rikorrenti, u tilqa' r-risposta kif ukoll il-kontro-talba tal-appellant, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent appellat.

7. L-appellant qal illi huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal, fl-ewwel lok għaliex bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim dwar id-data sa meta huwa kellu jlesti x-xogħol. Qal li huwa kien marad serjament f'Diċembru tal-2017, u ddaħħal l-Isptar fid-19 ta' Jannar, 2018, fejn għamel sebat ijiem f'koma fl-ITU minħabba *bacterial meningitis,* u wara dan l-episodju huwa rritorna għax-xogħol f'Ġunju tal-2018. Qal li l-partijiet iffirmaw kuntratt tax-xogħlijiet sabiex huwa jagħmel xogħol tal-elettriku u *plumbing* fil-fond, liema kuntratt kien jikkonsisti f'*bill of quantities, design and quality of works* u *method of payment.* Kompla jgħid li imkien ma ġie indikat dan ix-xogħol sa meta kellu jitlesta, u għalhekk huwa ma jistax jifhem għal liema raġuni t-Tribunal ikkonkluda li mhux ikkontestat li x-xogħol kellu jitlesta sa Ottubru 2017.

8. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra x-xhieda li huwa ta quddiemu, fejn spjega li mhuwiex minnu li l-

appellat fehem is-sitwazzjoni ta' mard serju li huwa kien qiegħed jiffaċċja. Qal li lanqas m'huwa minnu li huwa laħaq lesta biss 60% tal-istallazzjoni, u lanqas m'huwa minnu li l-kollega tiegħu Ian Debattista qatt ma mar fil-fond tal-appellat tul dan il-perijodu. Qal li lanqas m'huwa minnu li huwa naqas milli jikkopera mar-Regolatur. L-appellant qal li huwa spjega li f'istallazzjonijiet bħal dawn, ix-xogħol isir fi stadji, u l-progress tax-xogħol ikun jiddependi fuq xogħlijiet li jridu jsiru minn kuntratturi oħrajn. Qal li huwa spjega liema kienu l-istadji tax-xogħlijiet, u minkejja li huwa kien lesta l-parti l-kbira tax-xogħol elettriku, huwa ma setax ikompli b'xogħlijiet għaliex l-għamara tal-kċina kienet għadha ma ġietx installata; is-*switches* li kellu jipprovdi l-appellat kienu għadhom mhumiex disponibbli; l-appellat bidel il-ħsieb dwar il-mudell u l-modalità tal-*light switching;* l-appellat żied xogħol li l-partijiet ma kienux ftiehmu dwaru; il-garaxx fil-*basement* kien mgħarraq bl-ilma tax-xita; il-*washroom* kienet għadha ma ġietx mibnija, u għalhekk ma setax isir x-xogħol elettriku fiha; is-suffitt kien għadu mhux lest u għalhekk il-*light fittings* ma setgħux jitwaħħlu; il-*wooden cladding* fil-kamra tal-banju kien għadu mhux lest, u għalhekk is-sink u t-toilet ma setgħux jitwaħħlu; u fl-aħħar l-appellat talab lill-appellant jirritornalu ċ-ċwievet tal-fond. Qal ukoll li min-naħa tiegħu huwa spjega lir-REWS għal liema raġuni l-*over-voltage device* ma kienx installat, u kien dispost li jsolvi din il-kwistjoni darba għal dejjem. L-appellant qal li dan jindika biċ-ċar li n-nuqqas ta' iffinalizzar tax-xogħlijiet ma kienx tort tiegħu, u mhuwiex minnu li kienu biss 60% tax-xogħlijiet li kienu lesti.

9. B'riferiment għall-bilanċ ta' flus dovuti lilu, l-appellant qal li huwa ppreżenta lista aġġornata tal-*bill of works,* fejn identifika x-xogħlijiet li ma kienux laħqu saru, li l-valur tagħhom kien jammonta għal €1,069.94. Qal li dan

ifisser li mit-total tax-xogħlijiet li kellhom isiru, valur totali ta' €7,185.47, huwa rċieva ħlas fl-ammont ta' €5,251.79, u għalhekk meta wieħed inaqqas mill-bilanċ dak li kien għad fadal x'jitħallas, il-valur tax-xogħlijiet li baqgħu ma sarux (€1,069.94), jifdal bilanċ ta' €863.74, li huwa saħansitra akbar mis-somma pretiża mill-appellant fil-kontro-talba tiegħu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. Fir-risposta tiegħu, l-appellat wieġeb li l-appell tal-appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu, filwaqt li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata. Spjega li huwa kien inkariga lill-appellant jagħmel xogħol fil-fond, u għal dawn ix-xogħlijiet l-appellant ħareġ żewġ kwotazzjonijiet, waħda fl-20 ta' Marzu, 2017, u l-oħra fl-4 ta' Lulju, 2017. Qal li l-appellant kien infurmah li x-xogħol kellu jkun lest fi żmien sitta jew seba' xhur, u għalhekk ix-xogħol kellu jkun lest sa Ottubru tal-2017. L-appellat qal li l-attitudni tal-appellant inbidlet wara li kien inqala' inċident dwar pajp li tħalla mikxuf, u l-appellant ma baqax imur fuq il-lant tax-xogħol regolarment, l-appellant waqa' lura fix-xogħol tat-twaħħil tal-madum u sa Novembru 2017, meta x-xogħol suppost kien lest, kien għadu ma tlestiex. Qal li huwa ta ċans lill-appellant sal-aħħar ta' Marzu 2018 biex ilesti x-xogħlijiet, iżda l-appellant baqa' jirrifjuta. L-appellat qal li *email* tal-1 ta' Mejju, 2018 esebita fil-proċess turi li l-appellant ma riedx ilesti x-xogħol li kellu jagħmel, imma ried jagħmel ix-xogħol meħtieġ sabiex jiġi *in line* mar-regolamenti u mhux biex ilesti x-xogħol li kellu jagħmel skont il-kuntratt. L-appellat qal li kien għalhekk li huwa resaq quddiem it-Tribunal, fejn talab rifużjoni tal-ammont ta' €1,800, għaliex kien hemm xogħol li huwa kien ħallas tiegħu iżda li baqa' ma sarx , filwaqt li kien hemm xogħol li

ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u għalhekk kellu jsir minn terzi. L-appellat qal li l-appell intavolat mill-appellant jikkonċerna l-apprezzament tal-fatti li għamel it-Tribunal, u spjega li huwa prinċipju rassodat fil-ġurisprudenza li qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel qorti jew Tribunal. Qal li fil-każ odjern ma jistax jingħad li l-interpretazzjoni jew apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal tal-Konsumatur kien tant żbaljat jew interpretat ħażin b'mod gravi, li ġiet ikkreata inġustizzja fil-konfront tal-appellant.

11. B'riferiment għall-ewwel aggravju sollevat mill-appellant, l-appellat qal li mhuwiex minnu li bejn il-partijiet qatt ma kien hemm ftehim dwar id-data sa meta kellhom jitlestew ix-xogħlijiet. Qal li minkejja li l-appellant jgħid li huwa ma jaqbilx ma' din il-parti tad-deċiżjoni appellata, fl-istess ħin ma jagħmel l-ebda riferiment għall-provi prodotti li allegatament għandhom jippruvaw l-aggravju tiegħu. Qal li għalkemm l-appellant jgħid li huwa marad f'Diċembru tal-2017, u seta' jirritorna għax-xogħol biss f'Ġunju tal-2018, imkien ma ġab prova dwar dan. Qal li mill-*case summary* tal-Isptar li ġiet esebita, jirriżulta li l-appellant iddaħħal l-Isptar fid-19 ta' Jannar, 2018 u ħareġ fit-3 ta' Frar, 2018. L-appellat qal li hu u martu t-tnejn xehdu li x-xogħol kellu jitlesta sa Ottubru tal-2017, u dan wara li l-appellant qalilhom li x-xogħlijiet fil-fond kellhom idumu madwar sitta jew seba' xhur meta ħarġilhom il-kwotazzjoni f'Marzu tal-2017, u fi kwalunkwe każ, ix-xogħol kollu kellu jkun lest sa Marzu tal-2018, minħabba fl-obbligi li l-appellati daħlu għalihom mal-bank rigward il-faċilità ta' self li huma kellhom. L-appellat qal li mill-messaġġi esebiti minnu fil-proċess, jirriżulta li x-xogħol kellu jitlesta ferm qabel, jiġifieri sa Settembru tal-2017, u l-messaġġi mibgħuta lill-appellant f'Diċembru tal-2017, jiġifieri qabel ma l-appellant daħal

l-Isptar, juru kif dak iż-żmien l-appellant kien diġà abbanduna x-xogħol. L-appellat qal li l-verżjoni tiegħu qatt ma ġiet ikkontestata mill-appellant, qatt m'għamillu kontro-eżami, u għalhekk dak li ntqal mill-appellat, għandu jiġi kkunsidrat bħala aċċettazzjoni tat-testimonjanza tiegħu min-naħa tal-appellant. Qal li kieku l-appellant qal li mhuwiex minnu li x-xogħol kellu jkun lest sa Ottubru 2017, iżda semma data oħra sa meta dan ix-xogħol kellu jitlesta, forsi kien jitwemmen, imma l-appellant baqa' qatt ma qal sa meta kellhom jitlestew ix-xogħlijiet. Qal li kull min ikun qed jagħmel xi xogħol f'fond tiegħu, u jqabbad in-nies għal dan l-iskop, dejjem jintrabat b'data, sabiex ikun jista' jikkoordina ma' ħaddiema oħra. L-appelat spjega d-diffikultajiet li ħabbat wiċċu magħhom għaliex l-appellant ma laħaqx lesta x-xogħol li kellu jagħmel.

12. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellat qal li mhuwiex minnu li t-Tribunal ma ħax konjizzjoni ta' dak li qal l-appellant, tant hu hekk li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal għamel riferiment għall-allegazzjoni tiegħu li huwa kien rikoverat l-Isptar, u għamel riferiment wkoll għad-dokumenti esebiti minnu. Qal li l-*affidavit* tal-appellant xejn m'huwa kredibbli, u qal li kieku huwa minnu li Ian Debattista mar fil-fond u kompla xi xogħol hu, dan kellu jittella' jixhed sabiex jikkonferma x-xogħol li sar minnu. Qal li t-Tribunal imkien ma qal li l-appellant naqas milli jikkopera mar-Regolatur, imma rrefera għax-xhieda tar-rappreżentant tar-REWS, għalkemm l-appellant naqas milli jirreferi għal din ix-xhieda. L-appellat qal ukoll li minkejja li l-appellant allega li l-għamara tal-kċina kienet għadha mhijiex lesta, mill-provi jirriżulta li kien l-appellant li beda jirrifjuta li jerġa' jgħaddi l-*wiring* li kien ġie mgħoddi ħażin, u fil-fatt ma riedx jirranġa l-iżbalji tiegħu, tant hu hekk li fl-atti hemm esebiti ritratti li saħansitra juru l-iżbalji tal-appellant. L-appellat qal li għalkemm l-appellant jallega wkoll li

kien hemm suffitt li ma kienx lest, garaxx mgħarraq, *washroom* mhux mibnija, l-appellant ma ressaq l-ebda prova fir-rigward ta' dawn l-allegazzjonijiet tiegħu, sabiex juri li kien minħabba f'hekk li huwa ma setax ikompli bix-xogħlijiet. Qal li hemm diversi xhieda li jikkontradixxu din il-pożizzjoni tal-appellant, fosthom dik tal-mara tal-appellat Theresa Maria Gatt, Steve Grixti, l-Inġinier Peter Mifsud, John Tonna u l-Inġinier Marjohn Abela. L-appellat qal li huwa ta *timeline* eżatt ta' x'kien ġara, u spjega kif wara inċident dwar pajp li tħalla mikxuf, l-attitudni tal-appellant inbidlet, u dan ma baqax imur regolarment fuq il-lant tax-xogħol. L-appellat qal li konsegwenza ta' dan id-dewmien min-naħa tal-appellant, huwa waqa' lura fix-xogħol ta' twaħħil tal-madum, u sa Novembru dan kien għadu ma tlestiex. Qal ukoll li huwa ta ċans sal-aħħar ta' Marzu 2018 biex l-appellant ilesti x-xogħlijiet, imma dan baqa' jirrifjuta, u l-*email* mibgħuta mill-appellant fl-1 ta' Mejju, 2018 turi li dan ried jagħmel ix-xogħol li kellu jagħmel biex jiġi konformi mar-regolamenti, u mhux biex ikompli bil-bqija tax-xogħlijiet skont il-kuntratt. Qal li l-Inġinier Peter Mifsud ikkonferma li l-pjanta / *wiring diagram* hija waħda mir-rekwiżiti imposta mir-Regolatur (REWS), u fil-każ odjern l-appellant kien għamel biss *wiring diagram* ta' plakka u bozza waħda. Kompla jgħid li minkejja li l-appellant qal li din kienet applikazzjoni temporanja, l-Inġinier Mifsud ikkonferma li dan ma kienx il-każ. L-appellat qal li fix-xhieda tiegħu l-Inġinier Mifsud qal ukoll li għalkemm l-appellant meta ffirma għall-*meter* iddikjara li kollox kien sew, fil-verità la kienet għadha ġiet ittestjata l-istallazzjoni u lanqas ma kien sar l-OVR, apparti li ma kienx sar il-*wiring diagram* li juri x-xogħol elettriku li kien sar fil-post. L-appellat qal li dan kollu sar bi ksur flagranti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.24, u anki l-Inġinier Marjohn Abela kkonferma li x-xogħol ma sarx sew. Qal li bosta minn dawn ix-xhieda ma ġewx kontro-

eżaminati, kuntrarjament għax-xhieda tal-appellant, li dejjem ġiet ikkontestata, filwaqt li kien anki beda jsir il-kontro-eżami tiegħu, bir-raġuni għalfejn dan il-kontro-eżami ma tkompliex ikun in-nuqqas konsistenti tal-appellant li jidher quddiem it-Tribunal.

13. B’riferiment għat-tielet aggravju, jiġifieri li kien għad baqa’ bilanċ dovut ta’ €863.74, l-appellat qal li l-appellant qiegħed jistrieħ fuq l-*affidavit* tiegħu, liema *affidavit* ġie kkontestat, u dan li fl-istess waqt jevita li jieħu konjizzjoni tax-xhieda kollha prodotti mill-appellat quddiem it-Tribunal, inklużi x-xhieda indipendenti, liema xhieda ma ġewx kontradetti. L-appellat qal li ċ-ċifra mogħtija mill-appellant, li kien fadal bilanċ dovut ta’ €1,610.24, u li kien fadallu xogħol x’ilesti b’valur ta’ €1,069.64, ma kienitx minnha, kif spjegat fl-*affidavit* tal-appellant u fid-deposizzjoni ta’ għadd ta’ xhieda indipendenti. L-appellat qal li l-appellant jgħid li kienu ftit l-affarijiet li ma sarux minnu, iżda ma jsemmix kif l-applikazzjoni mal-Enemalta kienet waħda skorretta, u li ma saret l-ebda pjanta dwar minn fejn għaddejjin il-*wires*, minbarra affarijiet oħra li ma sarux u li kellhom jerġgħu jsiru minn terzi, għaliex ma kienux skont is-sengħa u l-arti. L-appellat qal li huwa lanqas ma jista’ jifhem kif l-appellant ħareġ *bill of works* datat 4 ta’ Ġunju, 2019 u inkluda fih xogħlijiet li qatt ma saru minnu, u lanqas minn dan l-aspett m’huwa kredibbli l-appellant. Kompla jgħid li huwa ressaq għadd ta’ xhieda li lkoll qalu li kien hemm ammont ta’ xogħol li baqa’ ma sarx, u fl-*affidavit* tiegħu huwa spjega ħaġa ħaġa liema xogħol sar u liema xogħol ma sarx mill-appellant. L-appellat qal li filwaqt li x-xogħlijiet li tlestew kellhom valur ta’ €1,925.74, ix-xogħol li ma ġiex esegwit mill-appellant jammonta għal €1,742.26. Hawnhekk l-appellat għamel riferiment għax-xogħol elenkat mill-appellant fil-kontro-talba tiegħu, u qal li x-xogħol li sar jammonta għal €997.23,

filwaqt li x-xogħol li ma ġiex esegwit jammonta għal €999.44. L-appellat qal li hemm xogħol ieħor li ġie eżegwit mill-appellant li jammonta għal €244.65, u minn barra dan hemm xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti, xogħol li ma ġiex ittestjat, xogħol li għalih ma sarx *wiring diagram* u l-OVR ma saritx. L-appellat qal li ġie ppruvat li x-xogħol li esegwixxa l-appellant jammonta għal €3,167.62, u huwa ħallas lill-appellant is-somma ta' €5,251.79 permezz ta' tliet ċekkijiet li ġew esebiti in atti. L-appellat kompla jgħid li dwar ix-xogħol li ma sarx, xehed Steve Grixti, it-terz inkarigat mill-appellat wara li ġie tterminat il-kuntratt mal-appellant, li kkonferma liema xogħol kellu jagħmel hu, u kkonferma l-*invoices* tiegħu, u qal ukoll li kellu problema għaliex ma kellux pjanta dwar minn fejn kien għaddej id-dawl, u kien hu li għamel l-OVR. L-appellat qal li ġie ampjament ippruvat ukoll li huwa ħallas lill-appellant ferm aktar mix-xogħol esegwit minnu, u għalhekk l-appellant għandu jirrifondi s-somma ta' €1,800.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Id-data sa meta kellu jitlesta x-xogħol]*

15. L-appellant jgħid li t-Tribunal kien żbaljat meta qal li ġie ppruvat li x-xogħol kellu jkun lest sa Ottubru tal-2017, u dan għaliex mill-provi ma tirriżulta l-ebda indikazzjoni sa meta kellu jkun lest ix-xogħol.

16. Il-Qorti, filwaqt li tirrileva li huwa minnu li mkien ma ġie ppreċiżat li x-xogħol kellu jkun lest sa Ottubru tal-2017, huwa minnu wkoll li l-*quotation* li abbażi tagħha l-appellat qabel li x-xogħol għandu jsir mill-appellant, inħarġet fl-20 ta' Marzu, 2017. Huwa minnu wkoll u jirriżulta mill-provi li l-appellat informa lill-appellant diversi drabi u b'diversi modi, li x-xogħol kollu meħtieġ fl-appartament inkwistjoni kellu jkun lest sa Marzu tal-2018, u għalhekk fuq bażi ta' probabbiltajiet, huwa ferm verosimili li x-xogħol tal-*plumbing* u tal-elettriku kellu jkun lest sa Ottubru tal-2017. Jirriżulta wkoll li għalkemm l-appellant jipprova jiġġustifika d-dewmien biex jitlesta x-xogħol billi jgħid li huwa għamel xi żmien rikoverat, ix-xogħol li huwa tqabbad jagħmel fil-fond tal-appellat, kellu jkun lest ferm qabel ma ġie rikoverat, u għalhekk il-fatt li huwa kien għal xi żmien ma jiflaħx serjament, m'għandux jintuża minnu bħala ġustifikazzjoni għad-dewmien biex jitlesta x-xogħol. Il-Qorti għalhekk taqbel mat-Tribunal li l-ftehim bejn il-partijiet kien li x-xogħol li kellu jagħmel l-appellant, kellu jitlesta sa Ottubru tal-2017, u dan għaliex l-appellat kellu restrizzjonijiet imposti fuqu mill-bank, u anki kien qiegħed joħroġ l-ispejjeż tal-kera sakemm ikun lest il-fond. Għaldaqstant il-Qorti tqis li huwa ferm verosimili li l-appellant wiegħed li x-xogħol kollu kellu jkun lest sa Ottubru tal-2017, u għalhekk tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[It-Tribunal naqas milli jikkonsidra x-xhieda mogħtija mill-appellant]*

17. L-appellant jgħid li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex fil-fehma tiegħu t-Tribunal ma ħa l-ebda konjizzjoni tax-xhieda mogħtija minnu, u tal-provi miġjuba minnu. Qal li huwa spjega li x-xogħol tiegħu kellu jsir f'diversi stadji, u

biex ilesti x-xogħol kollu, huwa kien jiddependi fuq ix-xogħol li kellhom ilestu kuntratturi oħrajn. Qal li t-Tribunal injora għal kollox, li fost affarijiet oħra l-għamara tal-kċina fil-fond tal-appellat kienet għadha mhijiex lesta kollha, *switches* li kellu jipprovdihomlu l-appellat ma kinux disponibbli, il-*washroom* tal-fond kienet għadha mhijiex mibnija, il-garaxx kien mgħarraq bl-ilma, u s-suffitt tal-fond kien għadu mhux lest.

18. Il-Qorti tirrileva li minkejja dan kollu li ssemma mill-appellant fir-risposta u fil-kontro-talba tiegħu, kif ukoll fir-rikors tal-appell tiegħu, waqt is-smigħ tal-kawża quddiem it-Tribunal, ma nġabux provi minnu ta' dan kollu li qiegħed jallega. Minflok it-Tribunal kellu quddiemu l-konferma ta' għadd ta' inġiniera u uffiċjali li jaħdmu mar-REWS, li xehdu li kien hemm nuqqasijiet serji fix-xogħol li għamel l-appellant. Lanqas fil-messaġġi skambjati bejn l-appellant u l-appellat, ma jissemmew dawn in-nuqqasijiet li xehed dwarhom l-appellant bħala r-raġuni għalfejn huwa waqa' lura fix-xogħol li kellu jagħmel, u f'wieħed mill-messaġġi meta kien evidenti li l-inkarigu tiegħu ġie irtirat, l-appellant qal li ma setax ilesti x-xogħol għaliex l-appellat kien ħadlu ċ-ċavetta tal-post. Dan meta x-xogħol li kellu jitlesta minnu suppost li kien ilu x-xhur lest, u meta fil-messaġġi kollha li bagħat l-appellat lill-appellant, huwa urieh l-urġenza li x-xogħol jitlesta u tah ir-raġunijiet għalfejn ma setax jiddewwem aktar. F'wieħed mill-messaġġi tiegħu, l-appellant saħansitra qal lill-appellat li jekk ried li x-xogħol ikun lest sa ċertu żmien, huwa kellu jsib kuntrattur ieħor, u dan meta l-appellat kien diġà spjegalu li dan id-dewmien kien qiegħed jinvolvih fi spejjeż żejda ta' ħlas ta' kera u negozjati mal-bank li kien qiegħed jesiġi li l-fond jitlesta u jingħalaq. Għaldaqstant, filwaqt li mhuwiex minnu li t-Tribunal injora għal kollox dak li xehed dwaru l-appellant, jeżistu dubji serjin dwar il-veraċità ta'

diversi punti sollevati minnu, tenut kont li ħafna minn dak li qal l-appellant mhuwiex korraborat minn provi, ritratti jew xhieda. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li t-tieni aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *[Il-valur tax-xogħol li sar, il-valur tax-xogħol li ma laħaqx sar, u l-pretensjoni tal-appellant li hu għad irid jitħallas għal xogħol imwettaq minnu]*

19. L-appellant jgħid li t-Tribunal kien żbaljat ukoll meta kkomputa l-ammont ta' flus li jridu jiġu rifużi minnu lill-appellat fl-ammont ta' elf u tmien mitt Euro (€1,800), u dan għaliex filwaqt li l-valur tax-xogħol li ma laħaqx sar minnu jammonta għal €1,069.94, il-valur tax-xogħol li kellu jsir minnu kien jammonta gaħl €7,185.47, filwaqt li l-ħlas riċevut minnu jammonta għal €5,251.79. Qal li għalhekk huwa għad fadallu jitħallas l-ammont ta' €863.74.

20. Il-Qorti tirrileva li mill-*quotations* esebiti, għandu jirriżulta li t-total tax-xogħol li kellu jsir mill-appellant kellu jammonta għal €6,581.90 (Dok. AG2 esebit). Il-*bill of quantities* esebit jelenka, ħaġa ħaġa, ix-xogħol kollu li kellu jsir mill-appellant fil-fond tal-appellat, b'xi żidiet li ġew maqbula fil-*quotation* maħruġa f'Lulju tal-2017. L-appellat fl-*affidavit* tiegħu speċifika li kien hemm għadd ta' xogħlijiet li ma sarux mill-appellant, xogħol li sar ħażin, *switches* u plakek li spiċċa xtrahom hu u martu, għalkemm kellhom jiġu pprovduti mill-appellant, xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti, *testing* li ma sarx, u *wiring diagram* u OVR li ma sarux lanqas. L-appellat spjega li mix-xogħol kollu elenkat taħt il-Kolonna 'A', li kellu jkollu valur ta' €3,406.46, l-appellant naqas li jagħmel xogħol li jammonta għal €1,742.26, filwaqt li x-xogħol eżegwit minnu kien

jammonta għal €1,925.74[1], u spjega liema huma x-xogħlijiet li jew saru ħażin, jew li kellhom isiru minn ħaddieħor. L-appellant bl-ebda mod ma rribatta dak li kkonkluda l-appellat, jew ikkontesta b'xi mod li kien hemm xogħol li sar ħażin, jew xogħol li ma sarx. Fil-fatt il-provi miġjuba mill-appellant biex jipprova jikkonvinċi lit-Tribunal li huwa għad għandu jiġbor xi flus mingħand l-appellat, huma verament ftit u nieqsa mis-sustanza. L-appellat jgħid ukoll li filwaqt li x-xogħlijiet li jaqgħu taħt il-Kolonna 'B' kellhom jammontaw għal €1,926.77, kien hemm b'kemm jiswew €999.44 f'xogħlijiet li ma sarux jew li saru ħażin mill-appellant, li jfisser li l-appellant għamel b'kemm jiswew €997.33 f'xogħol siewi, filwaqt li x-xogħol elenkat taħt il-Kolonna 'Ċ', li kellu valur ta' €244.65 saru kollha, u għalhekk m'hemmx kontestazzjoni dwarhom. L-appellat ħallas lill-appellant total ta' €5,251.79 permezz ta' tliet ċekkijiet, filwaqt li mix-xhieda mogħtija mill-appellat, li bl-ebda mod ma ġiet kontradetta mill-appellant, il-valur tax-xogħol li għamel l-appellant kien jammonta għal €3,167.72 (€1,925.74 + €997.33 + €244.65), sabiex b'hekk jirriżulta li l-appellat ħallas żejjed l-ammont ta' €2,084.07. Ladarba l-pretensjoni tal-appellat kienet għar-rifużjoni ta' €1,800, il-Qorti sejra tillimita ruħha għat-talba u għad-deċiżjoni tat-Tribunal, ladarba tinsab konvinta li l-appellat irnexxielu jipprova li huwa ħallas lill-appellant ferm aktar mix-xogħol eżegwit minnu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

---

[1] Hawnhekk teżisti diskrepanza, għaliex €1,742.26 + €1,925.74 jammontaw għal €3,668 u mhux għall-€3,406.64 li ġew ikkwotati.

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**